**27 ta' Ġunju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Joseph Grech

*versus*

Emanuel Ellul *pro et noe*

**Ness ta' Kawżalita` - Negliġenza Kontributorja - Artikolu 1032 tal-Kap. 16**

*Sabiex ikun hemm lok għad-danni irid ikun hemm ness ta' kawżalita` bejn il-fatt kolpuż u l-konsegwenza dannuża "Contributory negligence does not depend on a duty of care, it depends on foreseeability. Just as actionable negligence requires the foreseeability of harm to others, so contributory negligence requires the foreseeability of harm to oneself"*

*Min iħaddem irid jieħu ħsieb li l-ħaddiema jagħmlu x-xogħol li huma impjegati għalih.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut a fol. 16;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tat-22 ta' Frar, 1996 a fol. 100;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet lill-avukati difensuri;

L-attur xehed li hu impjegat mal-konvenuti. Kienu qegħdin jgħabbu makna fuq karru tal-ħadid u kif kienu qegħdin jimbuttawh, kien hemm gandott li jgħaddi l-ilma minnu, niżlu r-roti tal-karru fil-gandott, il-makna żelqet u żżerżqet għal fuq idu u korra;

Fejn kien hemm il-makna kien kollu żejt u kienu għattewh bil-kartun biex jevitaw iż-żlieq. Dak il-gandott kien tgħatta bil-kartun u sfronda bil-piż tal-karru. Ma jiftakarx li dan il-garaxx qatt tnaddaf miż-żjut. Okkażjonalment kienet tintefa' xi ċana biex jittaffa ż-żlieq. Dak in-nhar kienu lebsin slippers. Kien hemm diversi persuni preżenti meta ġara l-inċident;

Il-garaxx kien jintuża biex iqiegħdu t-*truck*. Il-gandott kien imgħotti bil-kartun, iżda hu kien jaf bih. Huma kienu jgħidu lil Charles Ellul, iz-ziju tad-direttriċi, biex inaddaf il-garaxx;

Hu esebixxa Dok. JG ċjoe` il-PT3 - *cheques* ta' ħmistax (Lm132.60). Lm66.30 *per week*;

**Alexandra Falzon Xerri** xehdet li hi direttriċi tal-kumpannija konvenuta. Dak in-nhar kienet il-garaxx. Kienu qed jikklirjaw maħżen mill-affarijiet u jġorru parti minn makna. Kien hemm żjut ma' l-art u għamlu l-kartun fuqu. Ma tiftakarx jekk l-attur kienx liebes xi *protective wear*. Ġieli pprovdew *protective wear* bħal ingwanti. Dak in-nhar ma kinux ipprovdulhom ingwanti. Huma qatt ma ħaslu dan il-maħżen;

**Emanuel Caruana** xehed li hu *driver* bħall-attur. Xogħol ta' tqandil jiġu mqabbda jagħmlu wkoll. Kienu qed jiżbarazzaw il-maħżen u kien hemm makna ta' *truck* fuq karru tal-ħadid. Hu kien qed jaqbad minn wara u l-attur minn quddiem u kif appena qegħdin jimxu kien hemm gandott ta' l-ilma li kienu għattewh bil-kartun u kif appena niżlu r-roti ġol-gandott il-makna mxiet u laqtet subgħajn l-attur. Hu ilu jaħdem mal-konvenuti 22 sena. Il-garaxx qatt ma tnaddaf. Huma ma kinux libsin ingwanti. Kienu jtuhom *protective wear* meta jkunu qegħdin jaħdmu bit-*truck* fuq barra. Ikollhom ingwanti naqra ħoxnin. Wara l-inċident ġew ipprovduti b'ingwanti u *crash helmet*;

Huma kienu jużaw dana l-garaxx u kienu jafu bil-gandott. Kienu jaħslu t-trakkijiet u l-ilma kien jinżel ġol-gandott. Dan kien fil-ġenb tal-garaxx. Huma riedu jgħaddu l-karru bejn it-*truck* u l-gandott. Huma kienu tlieta qed jimbuttaw il-karru;

**Michael Mercieca** xehed li xogħlu bħala *driver*. Ikkonferma dak li qalu Caruana u Grech. Ħadd ma kien qalilhom biex ineħħu ż-żjut mill-art. Huma ma kellhomx *protective wear*. Wara l-inċident

tawh żewġ ingwanti biex jaħdem bihom u *crash helmet*. Huma ma kinux għamlu xogħol bħal dan qabel. Il-gandott setgħu jarawh. Huma għamlu l-kartun fuqu biex ma jiżolqux fiż-żejt. Huma għamlu l-kartun mhux fuq il-gandott biss imma fuq il-biċċa kollha fejn kienu qed jaħdmu. Meta kienu qed jimbuttaw kienu jafu li hemm il-gandott;

Il-makna żżerżqet għax ir-rota daħlet fil-gandott. Bl-ingwanti u mingħajrhom il-makna xorta kienet tiżżerżaq;

**Dr. F. Zammit Maempel** xehed fuq in-noti ta' l-Isptar. Qal li l-attur kien weġġa' fir-*ring finger* u weġġa' t-*tip* u saritlu operazzjoni żgħira. Kien daħal fit-28/3/92 u fieq fis-26/5/92. L-aħħar li rawh kien fit-28/7/92. Hu ikkonferma ċ-ċertifikat tiegħu a fol. 10 u qal li kien ta lill-attur 2% *disability* billi l-id tal-lemin naqsilha parti mill-moviment tagħha;

In tema ta' danni akwiljani, kif inhu dan il-każ, il-liġi Maltija tippreċiża l-grad ta' ħtija, li ġġib ir-responsabilita` għad-danni, fl-artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili fis-sens li hu in kolpa min ma jużax il-prudenza, diliġenza u attenzjoni tal-*bonus pater familias*;

Hu rikjest fl-istess ħin, pero`, sabiex ikun hemm lok għad-danni, li jkun hemm in-ness ta' kawżalita` bejn il-fatt kolpuż u l-konsegwenza dannuża. (Halsbury, Law of England Vol. X p. 93 para. 115 u sentenza Vol. XLIV p.1 p.343);

Fil-każ **Nance *vs* British Columbia Elec. Ry** (1951) All.E.R. 488, P.C. kien ġie deċiż li:

*"when contributory negligence is set up as a defence, its*

*existence does not depend on any duty owed by the injured party to the party sued, and all that is necessary to establish such a defence is to prove .... **that the injured party did not in his own interests take reasonable care of himself and contributed, by his want of care, to his own injury**";*

Fil-każ l-ieħor **Jones *vs* Livox** (1952) I.T.L.R. 1377 intqal:

*"Contributory negligence does not depend on duty of care, it depends on foreseeability. Just as actionable negligence requires the foreseeability of harm to others, so contributory negligence requires the foreseeability of harm to oneself ...."*

*"Both parties are under a duty to take care in the performance of the contract.*

*The employer must take reasonable care for the safety of his employees in the course of their employment and in particular must provide safe tools, a safe place of work, a safe system of working and select properly skilled fellow employees."*

(ara l-formulazzjoni klassika ta' l-*employer's duty of care* fil-każ **Wilsons Clyde Coal *vs* English** (1938) A.C.57);

*"This duty may be regarded as arising in tort or as an implied term of the contract of employment. The employer is not only liable for his own failure to use due care and diligence. The employer can also be liable in negligence if an employee in the course of employment is injured in consequence of defective equipment being used for the purposes of the employer's business and the defect is attributable wholly or partly of a third party, such as the maker of*

*the equipment, whether the third party is identified or not.*

*The employer's liability is without prejudice to the law of contributory negligence. The employee must exercise reasonable skill and care in the performance of his duties." (Charlesworth's Merantile Law 14th Edition page 216;*

Każijiet fejn l-*employer* ikun naqas li jwettaq l-obbligi tiegħu huma:

*"1. .... it may be that the employer has done nothing at all to carry out his obligations.*

*2. In the second place the employer may have been informed of a defect or danger, but done nothing to remedy it.*

*3. Thirdly, the employer, knowing of a defect in his plant or premises, or of a danger in the course of work, may have taken inadequate measures to eliminate or reduce the risk.*

*4. Fourthly, though the employer does not know that anything is wrong, it may be that he ought to know - that is - he could have found out by reasonable care";*

*(Munkman's Employer's Liability at Common Law p. 129);*

Fil-każ in eżami l-inċident ġara meta l-attur u tnejn oħra kienu ġew imqabbda mill-konvenuti biex inaddfu maħżen avolja xogħlhom kien ta' *drivers* ta' *scammel*. Fost ix-xogħol li kellhom jagħmlu kien hemm li jnaddfu maħżen u jgħabbu makna. Huma kienu qed jimbuttaw karru tal-ħadid, b'din il-makna fuqu, meta

rota tal-karru daħlet f'gandott li kien hemm fl-art, il-makna żżerżqet, ġiet fuq idejn l-attur, għafsitlu subgħajh, u korra. Dak il-ħin huma ma kellhom ebda *protective wear* fuqhom;

Il-konvenuti qed isostnu li l-inċident ġara għax ir-rota tal-karru daħlet fil-gandott li l-attur kien jaf bl-esistenza tiegħu u mhux minħabba ż-żejt li kien hemm fil-garaxx. Iż-żejt fil-garaxx ma kienx il-kawża prossima ta' l-inċident. Bl-ingwanti u mingħajrhom l-inċident l-istess kien isir. Il-ħaddiema għattew il-gandott bil-kartun mhux minħaba ż-żejt imma biex jgħaddu aktar komodament bil-karru bejn il-gandott u t-*truck*;

Il-Qorti taqbel mal-konvenuti li l-inċident ġara meta r-rota tal-karru daħlet fil-gandott, kif ukoll taqbel li l-attur kien jaf bl-esistenza ta' dan il-gandott. Iżda hu minnu wkoll li minħabba ż-żjut li kien hemm fil-garaxx, fejn l-attur u sħabu ġew imqabbda biex jaħdmu, huma kellhom jgħattu parti mill-art, inkluż il-gandott, bil-kartun, biex ma jiżolqux b'mod li ma setgħux jaħdmu komodament;

Li kieku ma kienx hemm dak iż-żejt, ma kienx ikollhom għalfejn joqogħdu jgħattu l-gandott b'mod li l-art kienet tkun aktar viżibbli għalihom meta qed jimmanuvra bil-karru u forsi l-inċident kien jiġi evitat. Is-sitwazzjoni tbiddlet meta kellhom jimbuttaw karru fuq l-art li kienet mgħottija bil-kartun u dana avolja kienu jafu bl-esistenza tal-gandott;

Il-konvenuti qed isostnu li l-attur u sħabu għattew il-gandott mhux minħabba ż-żejt iżda biex ikunu jistgħu jgħaddu komodament bil-karru. Iżda l-Qorti ma taħsibx li dina kienet ir-raġuni għax mhux verosimili li l-attur u sħabu ma kinux jafu li jekk tgħaddi b'karru

tal-ħadid b'makna ta' *truck* fuqu, l-kartun ma kienx se jisfronda;

Kif hemm imsemmi fil-parti tal-konsiderazzjonijiet ta' dritt, li "it is the duty of every employer to take all reasonable care of his employees' safety in all circumstances at their place of work". Jidher li f'dana l-każ il-konvenuti kienu jafu li fil-garaxx kien hemm iż-żjut, li l-post qatt ma tnaddaf, u li ma kienx *safe* li jsir dak ix-xogħol li kienu se jagħmlu l-attur u sħabu. Kien prevedibbli li jista' jinqala' inċident f'dawk iċ-ċirkostanzi, iżda xorta waħda qabbdu lill-attur jagħmel ix-xogħol. Ġie sottomess li l-attur kien jaf bil-gandott, iżda fiċ-ċirkostanzi fejn kellek parti kbira mill-art u l-gandott mgħotti bil-kartun, kien fattur inevitabbli f'xogħol industrijali li ħaddiem jista' jiġuh momenti ta' aljenazzjoni jew nuqqas ta' attenzjoni u għal dawn għandu jkun kopert. (Ara sentenza **E. Agius *vs* J u A Galea** Kumm. JMB 11.7.89);

Dwar *protective wear* ġie sottomess ukoll li bl-ingwanti u mingħajrhom l-inċident l-istess kien jiġri. Dan hu veru u l-ingwanti ma kinux se jżommu l-inċident milli jsir iżda bihom l-impatt fuq idejn l-attur ma kienx ikun dirett u l-ferita probabilment ma kinitx tkun daqshekk serja;

Għalhekk ir-responsabilita' tal-konvenut *nomine* tirriżulta;

Dwar jekk kienx hemm responsabilita' ta' l-attur għal dak li ġara fis-sens fuq imsemmi u ċjoe' li *the injured party did not in his own interests take reasonable care of himself and contributed, by his want of care, to his own injury*, il-Qorti hi tal-fehma li l-attur u sħabu setgħu jipprevedu li dak ix-xogħol li kienu qed jagħmlu kien perikoluż f'dawk iċ-ċirkostanzi u l-fatt li għamlu l-kartun jindika li kienu konxji ta' dana għalkemm mhux konxji biżżejjed biex

jirrealizzaw li l-miżuri preventivi li ħadu ma kinux biżżejjed;

Għalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-attur ukoll ikkontribwixxa għall-inċident fis-sens fuq indikat, għalkemm ir-responsabilita' tiegħu hi ferm anqas minn dik ta' l-*employer* tiegħu li kellu l-obbligu prinċipali li jieħu ħsieb li l-ħaddiema tiegħu jagħmlu x-xogħol li huma impjegati għalih u li dana jaħdmuh f'ambjent ta' sigurta' u nuqqas ta' perikolu;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi li l-konvenuti għandhom jeħlu tliet kwarti mir-responsabilita' mentri l-attur kwart;

Bħala provi għat-talba tiegħu għal-likwidazzjoni tad-danni l-attur ippreżenta *Emoluments and Tax Deductions Record - Year Ending 31/12/94* ara fol. 94 u *slip* taċ-*cheque* tal-paga li jindika li l-attur kien qed jiċievi paga ta' Lm132.60 *net pay* kull ħmistax (fol. 95);

Il-Qorti għalhekk se tagħmel il-kalkoli tagħha a bażi ta' dawn il-provi li ġab l-attur;

Dwar ***damnum emergens*** ma hemm ebda talba;

Dwar ***lucrum cessans*** l-attur qed jippretendi kalkolu a bażi ta' paga ta' Lm66.30 fil-ġimgħa. L-attur kellu 29 sena meta korra. F'sena kien jieħu (52 x 66.30) = Lm3447.60 li qed jiġu arrotonditi għal Lm4000. Il-limitazzjonijiet imposti fuqu minħabba l-inċident qegħdin hemm u dawn jostakolaw sa ċertu punt ċertu avvanz fil-ħajja lavorattiva tiegħu;

Għal ħajja lavorativa ta' 30 sena (eta' pensjonabbli ta' 61 sena)

jġibu Lm4000 x 30 = Lm120,000;

L-attur għandu jbati kwart mit-tort li jġibu Lm90,000;

Disabilita` ta' 2% iġib il-figura ta' Lm1,800;

Wieħed irid inaqqas 15% għal-*lump sum payment* u għalhekk l-ammont finali li l-attur għandu dritt għalih hu ta' Lm1530;

Għal dawn il-motivi:

Il-Qorti tiddeċidi billi tiddikjara li l-inċident ġara tort tal-konvenut *noe* u ta' l-attur fil-kwoti ta' kwart tort għall-attur u tliet kwarti tort għall-konvenut *noe*;

Tillikwida l-ammont dovut lill-attur fis-somma ta' Lm1530 u tikkundanna lill-konvenut *noe* jħallas lill-attur l-ammont hekk illikwidat.

L-ispejjeż jitħallsu tliet kwarti għall-konvenuti u kwart għall-attur bl-imgħax fuq l-ammont kanonizzat mid-data tas-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.